

Europass Kredenzjali Diġitali



europass

Manuskritt komplut fi Frar 2021

L-1 edizzjoni

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021

© Unjoni Ewropea, 2021:

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija implimentata abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC-BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

© Shutterstock, 2021

PDF ISBN 978-92-76-29039-1 doi 10.2767/284269 KE-04-21-027-MT-N

PRINT ISBN 978-92-76-29075-9 doi 10.2767/948561 KE-04-21-027-MT-C



europass

Europass

Kredenzjali Diġitali

Ħu l-pass li jmiss

X'inhu Europass?

Europass jippermettilek tirreġistra **l-esperjenzi tax-xogħol u tal-volontarjat tiegħek, ir-riżultati tat-tagħlim, il-kisbiet, il-premjijiet, is-sħubiji u l-pubblikazzjonijiet** kollha f'għodda waħda online.

Europass huwa disponibbli f'**29 lingwa**, u jgħin lill-istudenti, lill-ħaddiema, lill-voluntiera u lil dawk li qed ifittxu impjeg biex jimmaniġġjaw kull stadju tal-karriera u t-tagħlim tagħhom.

Europass huwa **servizz pubbliku online** tal-Unjoni Ewropea (UE) li nħoloq fl-2004.

X'inhu l-Europass il-ġdid?

L-Europass il-ġdid huwa sett ta' għodod u informazzjoni online li jgħinuk timmaniġġja kull pass tat-tagħlim u l-karriera tiegħek. L-għodod u l-informazzjoni jappoġġjaw fil-komunikazzjoni tal-ħiliet, il-kwalifiki u l-esperjenzi tiegħek b'mod ċar u konsistenti madwar l-Ewropa. Il-Kummissjoni Ewropea żviluppat l-Europass. Bħala servizz ipprovdut mill-Kummissjoni Ewropea huwa kompletament bla ħlas għall-utenti kollha.

L-Europass il-ġdid:



Jippermetti lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ joħorġu diplomi u ċertifikati diġitali lil studenti f'format diġitali madwar l-Ewropa kollha tal-Kredenzjali Diġitali tal-Europass, u jinkoraġġixxi rikonnoxximent faċli.



Jappoġġja "proċedura rapida" għar-rikonoxximent, it-tnaqqas tal-piżijiet amministrattivi u t-tnaqqis tal-frodi billi jappoġġja l-awtentikazzjoni awtomatika tal-kwalifiki mill-impjegaturi u l-fornituri tat-taħriġ.

L-Europass il-Ġdid




Jippermetti l-Interoperabilità

Jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni dwar ħiliet u kwalifiki fost partijiet interessati differenti (universitajiet, negozji, organizzazzjonijiet, eċċ.)



Provediment ta' Informazzjoni

Jipprovi informazzjoni jew links għal informazzjoni disponibbli dwar il-ħiliet u l-kwalifiki li jgħin lill-utenti tal-Europass jimmaniġġjaw aħjar il-karriera tul il-ħajja tagħhom.



Il-Profil Europass

Sett ta' għodod diġitali fejn tista' tirreġistra tagħlim u esperjenzi ta' xogħol, ksbiet, ħiliet, u iktar fuq il-profil Europass tiegħek. Tista' wkoll toħloq CVs, ittri ta' akkumpanjament, iżżid dokumenti ta' sostenn u ttipprepara u timmaniġġja l-applikazzjonijiet tiegħek.



Kredenzjali Diġitali tal-Europass

Sett ta' standards, servizzi u softwer li jorbtu ma' xulxin li jippermettu lil kwalunkwe parti toħroġ, taħżen, tara, tiwerifika u taqsam kredenzjali diġitali validi legalment u li jekk jiġu mbagħbsin ikun evidenti.

X'inhuma l-Kredenzjali Diġitali tal-Europass?

Il-Kredenzjali Diġitali tal-Europass (EDCs) huma diplomi u ċertifikati diġitali ppreżentati **fformat mal-Ewropa kollha u ffirmati b'siġill elettroniku uniku**, li jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ jirrikonoxxu u joħorġu kwalifiki faċilment. Din "proċedura rapida" għar-rikonoxximent tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u tnaqqas il-frodi billi

tappoġġja l-awtentikazzjoni awtomatika. L-EDCs għandhom l-**istess validità legali bħall-kredenzjali bbażati fuq il-karta stampata** u huma **rikonoxxuti fi ħdan iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni**.

Il-profil Europass tiegħek jinkludi **kartiera** li l-EDCs jistgħu jintbagħtu fiha u **jinħażnu b'mod indefinit**.



X'inhi l-Infrastruttura tal-Kredenzjali Diġitali tal-Europass


L-Infrastruttura tal-Kredenzjali Diġitali tal-Europass (EDCI) hija sett ta' standards, servizzi u softwer żviluppati mill-Kummissjoni Ewropea biex tappoġġja lill-EDCs. Din hija parti integrali mill-

pjattaforma l-ġdida tal-Europass, li tippermetti lill-istituzzjonijiet **joħorġu, jaħżnu, jivverifikaw, jaqsmu u jidentifikaw** EDCs b'tali mod li jiżgura li **ma jkunux jistgħu jiġu mbagħbsa.**



Infrastruttura tal-Kredenzjali Diġitali tal-Europass

Din ir-rappreżentazzjoni viżwali tal-Infrastruttura tal-Kredenzjali Diġitali tal-Europass tenfasizza kif il-komponenti tagħha jaħdmu flimkien biex joħolqu kredenzjali diġitali legalment validi, siguri u verifikabbli faċilment.



Il-komponenti elettroniċi ta' identifikazzjoni, awtentikazzjoni u servizzi ta' fiduċja (eIDAS) jiżguraw l-EDCs billi jagħmluhom b'tali mod li jekk jiġu mbagħbsin ikun evidenti, li jippermetti verifika tal-awtenticià tagħhom.

L-istandards tal-EDC jippermettu lil kwalunkwe organizzazzjoni tibni l-emittent, il-qarrej, u l-listi ta' akkreditazzjoni u ta' revoka tagħhom stess kompatibbli mal-EDC u tintegra dawk il-komponenti fl-ekosistemi diġitali tagħhom.

Il-Bażi tad-Data tal-Akkreditazzjoni tal-EDC, lista tal-istituzzjonijiet kollha akkreditati uffiċjalment biex joħroġu l-kredenzjali u l-Lista ta' Revoka tal-EDC jippermettu li tiġi vverifikata u aċċertata l-provenjenza u l-awtenticià tal-EDCs.

L-Emittent tal-EDC jippermetti lill-organizzazzjonijiet joħroġu Kredenzjali Diġitali tal-Europass lill-istudenti tagħhom.

Il-Qarrej tal-EDC jippermetti lir-riċevituri tal-EDCs jaraw u jesportaw il-kredenzjali tagħhom.


X'nista' nagħmel bil-Kredenzjali Diġitali tal-Europass?

Il-Kredenzjali Diġitali tal-Europass għandhom erba' funzjonalitajiet kif ippreżentati hawn taħt. Dawn jistgħu jinħarġu, jinħażnu, jiġu vverifikati u maqsuma ma' oħrajn.

Ħruġ



Korp tal-ġhotti jtella' lista ta' kredenzjali li għandhom jinħolqu lill-Emittent tal-EDC





L-Emittent tal-EDC joħroġ kredenzjali ffirmati diġitalment konformi mal-EDC, li ma jistgħux jiġu mbagħbsa



Il-kredenzjal jinħareġ


Ħażna



Il-kredenzjal jintbagħat lis-sid tal-kredenzjal



Il-kredenzjal huwa ddepożitat direttament fil-kartiera tal-EDC tas-sid tal-kredenzjal



Il-kredenzjal huwa maħżun b'mod indefinit u sikur fil-kartiera tal-EDC


Verifika



(Verifika awtomatika bil-kartiera)



Il-bażi tad-data tal-Akkreditazzjoni tal-EDC tivverifika awtomatikament l-akkreditazzjoni tal-korp tal-ġhotti



Karatteristiċi ta' sigurtà inkorporati jivverifikaw awtomatikament l-awtentiċità u l-validità tal-kredenzjal



Il-kredenzjal jiġi vverifikat awtomatikament kull darba li jkun aċċessat fil-kartiera tal-EDC

Kondiviżjoni



Iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jaqsmu l-Kredenzjali Diġitali tal-Europass tagħhom ma' kwalunkwe persuna jew organizzazzjonijiet oħra permezz ta' sempliċi klikk

X'inhuma l-benefiċċji tal-Kredenzjali Diġitali tal-Europass?

Il-Kredenzjali Diġitali tal-Europass għandhom ħafna benefiċċji għall-individwi, l-impjegaturi u l-organizzazzjonijiet.



L-individwi:

- jistgħu jibnu portafoll onlajn biex jintraċċaw it-tagħlim tagħhom waqt li jkollhom kontroll sħiħ fuq id-data tagħhom
- jistgħu faċilment jerġgħu jużaw il-kredenzjali tagħhom biex jiksbu xogħol jew japplikaw għal iktar taħriġ madwar l-Ewropa kollha
- jistgħu jippreżentaw u jkollhom il-kredenzjali tagħhom i-verifikati fi kwalunkwe punt fil-karriera tagħhom, anke jekk l-istituzzjoni li ħarġithom tagħlaq, jew jekk id-data użata biex toħloqhom tintilef



L-impjegaturi:

- jistgħu jnaqqsu b'mod drammatiku l-ħin u l-ispiża tal-verifika tal-kredenzjali u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tax-xogħol
- jistgħu jifhmu aħjar il-kredenzjali tal-kandidati, speċjalment minn Stati Membri oħra peress li dawn se jiġu tradotti fil-lingwa tagħhom stess
- jistgħu jafdaw kredenzjali li ma jistgħux jiġu mbagħbsa



Il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ:

- jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż tagħhom għall-ħruġ tal-kredenzjali
- jistgħu jifhmu aħjar il-kredenzjali ta' studenti, speċjalment minn Stati Membri oħra peress li dawn se jiġu tradotti fil-lingwa tagħhom stess

Bħala organizzazzjoni, kif nista' nintegra I-Kredenzjali Diġitali tal-Europass?

Il-Kummissjoni Ewropea reċentement nediet Programm ta' Adottanti Prekoċi biex tappoġġja organizzazzjonijiet interessati fil-ħruġ, il-ħażna jew ir-riċeviment ta' kredenzjali diġitali, u l-inkorporazzjoni ta' kredenzjali konformi mal-EDC fl-ekosistema diġitali tagħhom.

Bħalissa, dan jinkludi appoġġ għal:

- fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ bħal universitajiet, skejjel u ċentri ta' taħriġ biex jiggwidaw il-ħruġ tal-kredenzjali lill-istudenti permezz tal-Europass
- kumpaniji tas-software li jiddisinjaw sistemi ta' informazzjoni għall-istudenti, sistemi ta' ġestjoni tat-tagħlim, portafolli elettroniċi jew sistemi ta' ġestjoni tar-riżorsi umani biex jappoġġjaw l-interoperabilità mal-kredenzjali diġitali tal-Europass.

Biex issir taf iktar dwar il-Programm ta' Adottanti Prekoċi, tista' tirreġistra l-interess tiegħek billi tibgħat e-mail lil EDCsupport@ext-ec-europa.eu.


Nista'...

...nikseb verifika tal-kwalifiki tiegħi madwar l-Ewropa?

IVA!

Il-Kredenzjali Diġitali tal-Europass huma l-ewwel format ta' kredenzjali diġitali validi legalment fl-34 Membru taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

L-istruttura tagħhom tiffaċilita rikonoxximent iktar faċli tal-kwalifiki u l-ħiliet li jiddeskrivu madwar l-Ewropa.



Nista'...

...napplika għal impjegi permezz tal-Kredenzjali Diġitali tal-Europass tiegħi?

IVA!

Tista' taqşam il-Kredenzjali Diġitali tal-Europass tiegħek ma' kwalunkwe impjegaturi futuri fl-Ewropa. Dawn se jkunu jistgħu jaqraw u jivverifikaw l-awtentiċità tal-kredenzjali tiegħek.

Bl-istess mod, tista' wkoll taqşam il-Kredenzjali Diġitali tal-Europass tiegħek biex tapplika għal kwalunkwe kors jew taħriġ madwar l-Ewropa.



Europass u Int

Għandek ideat għal karatteristiċi li għadhom mhumiex disponibbli fuq l-Europass? Taħseb li l-karatteristiċi attwali jistgħu jittejjbu? Forsi għandek bżonn xi għajjnuna biex tinnaviga l-portal?

Jekk jogħġbok, toqgħodx lura milli tikkuntattjana!

Biex **tipprovdi feedback, taċċessa l-appoġġ jew tħalli kumment** rigward l-aspetti tekniċi tal-pjattaforma, jekk jogħġbok **ikkuntattjana** permezz tal-formola ta' hawn taħt:

<https://europa.eu/europass/mt/contact-us/submit-query>

Jekk inti interessat li **tippromwovi jew tikkollabora fuq l-Europass il-ġdid fil-livell nazzjonali**, ikkuntattja ċ-**Ċentri Nazzjonali tal-Europass** tagħna:

<https://europa.eu/europass/mt/national-europass-centres>

Ingħaqad fil-konverżazzjoni fuq il-midja soċjali billi tiżgura li tuża **#Europass** u ssegwi l-kanali ta' Facebook u Twitter tal-UE għall-aġġornamenti **@EU_Social**.

Skopri iktar dwar il-Kredenzjali Diġitali tal-Europass

Il-paġni tal-Interoperabilità tal-Kredenzjali Diġitali tal-Europass (<https://europa.eu/europass/mt/node/628>) fuq il-pjattaforma tal-Europass huma aġġornati regolarment, u jagħtuk ħarsa ġenerali “fuq fuq” tal-komponenti kollha tal-EDCI.

Il-kaxxa postali funzjonali tal-EDCI (EDCSupport@ext.ec.europa) tippermettilek tistaqsi kwalunkwe mistoqsija, titlob informazzjoni, jew tipprovdi feedback u suġġerimenti.





europass

Kif tikkuntattja lill-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' Ċentri ta' Informazzjoni ta' Europe Direct.

Tista' ssib l-indirizz tal-iktar ċentru qrib tiegħek fuq: <http://europa.eu/contact>

Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.

Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- permezz tan-numru tat-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jistgħu jimponu tariffa għal dawn it-telefonati)
- fuq in-numru standard li ġej: +32 22999696
- permezz ta' email fuq: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Kif issib informazzjoni dwar l-UE

Online

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://op.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' taksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, zur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

Dejta Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

